MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 388/2002/1

**Antionette Micallef proprio u bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri Luke fejn giet nominata bhala tali b'digriet tat-8 t'April 2002.**

**vs**

**1. Direttur tar-Registru Pubbliku; u**

**2. Oliver Micallef**

**Il-Qorti,**

## I. <u>PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-konjugi Oliver u Antoinette Micallef ilhom *de facto* sseparati ghal dawn l-ahhar sentejn; u

Illi l-attrici fil-frattemp kellha tarbija, jismu Luke, li twieled fis-17 ta’ Frar 2002, kif jirrizulta minn l-anness certifikat Dok. “A”; u

Illi l-imsemmija tarbija giet registrata mill-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku, b’kunjom il-konvenut Oliver Micallef meta l-istess m’huwiex missier it-tarbija Luke; u

Illi l-attrici ma tridx illi l-imsemmija tarbija tibqa` tidher bhala wild l-imsemmi konvenut Oliver Micallef;

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi l-imsemmija tarbija, jisimha Luke li twieldet fis-17 ta’ Frar 2002 ma hijiex il-wild naturali tal-konvenut Oliver Micallef;

2. Konsegwentement, tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tat-tarbija msemmija li jgib in-numru 884/2002, mill-kolonna li tirrapprezenta isem u kunjom il-missier, il-kliem Oliver Micallef, il-professjoni jew sengha ta’ l-attur, l-eta`, post tat-twelid u residenza tal-konvenut Oliver Micallef, kif ukoll isem u kunjom missier il-konvenut Oliver Micallef u jekk huwiex haj jew mejjet u tawtorizza u tordna kull notifika ohra in vista ta’ l-ewwel talba u jekk jinhtieg, f’kull att iehor relattiv u sussegwenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 8 tal-process;

Rat ir-rizultat ta’ l-ezamijiet xjentifici maghmula mill-analista tax-xjenza forensika Christopher Farrugia datat 28 ta’ Frar 2002 a fol. 6 u 7 tal-process;

Rat ir-rikors ta’ l-attrici tal-5 ta’ April 2002, fejn talbet lill-Qorti sabiex tordnalha tigi mahtura bhala Kuratrici *ad litem* tal-minuri Luke Micallef;

Rat id-digriet tat-8 ta’ April 2002 fejn il-Qorti tilqa` t-talba;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku tad-9 ta’ Awissu 2002 a fol. 18 fejn gie eccepit:

1. Illi dwar il-mertu ta’ l-azzjoni f’dan l-istadju huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi u ghall-gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, ghandu jsir id-debitu avviz fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta’ l-**artikolu 254 tal-Kap 16**;

3. Illi *inoltre* u bla pregudizzju, f’kaz li jintlaqghu it-talbiet attrici, ghandhom jigu kancellati l-kliem “*the said”* mill-kolonna li tirreferi ghall-partikolaritajiet ta’ l-omm;

4. Illi wkoll bla pregudizzju, il-bidla li qed tintalab tirrigwarda dokument pubbliku li jikkoncerna minuri u li jekk kemm il-darba tintlaqa` zgur li ser tinfluwixxi fuq il-hajja futura ta’ l-istess minuri, ghalhekk jinhtieg li kwalunkwe prova li tingieb tkun konvincenti u ammissibbli skond il-ligi;

5. Illi in vista tal-fatt li c-cirkostanzi li taw lok ghal talba ghal korrezzjoni fl-att tat-twelid huma ghal kollox estranei ghall-esponent huwa m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez;

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 19 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta’ Ottubru 2002; tat-30 ta’ Jannar 2003 fejn Dr. Edward Gatt ipprezenta l-affidavits attrici; tal-25 ta’ Frar 2003 fejn l-attrici ddikjarat li se tipprezenta d-DNA test; u tat-13 ta’ Mejju 2003 fejn xehed

**Christopher Farrugia** u l-kawza giet differita ghall-lum ghas-sentenza.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Oliver Micallef ta’ l-24 ta’ Frar 2003 a fol. 28 fejn gie eccepit:

1. Illi l-esponent ilu sseparat *de facto* minn Antoinette Micallef minn cirka 25 ta’ Mejju 2000 u fil-fatt ilha tghix ma’ certu Simon Cutajar minn dak iz-zmien.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost hu konfermat li t-tarbija bl-isem Luke mhux il-wild naturali ta’ l-esponent u l-istess esponent ghandu kull interess li ismu w kunjomu jigu kancellati bhala l-missier naturali f’kull certifikat fejn hemm indikat ismu w kunjomu.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 29 tal-process;

Rat it-talba tal-konvenut tal-31 ta’ Jannar 2003, ghal beneficcju gratuitu;

Rat id-digriet tat-3 ta’ Frar 2003 fejn il-Qorti tilqa` t-talba u tassenja lir-rikorrent lil Dr. Mark Busuttil u lill-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud bhala difensuri ta’ l-elenku li lilhom imiss it-turn;

Rat li sar l-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern fis-16 ta’ April 2002;

Rat ix-xhieda ta’ **Christopher Farrugia** a fol. 44 tal-process;

Rat ir-rikors tal-5 t’April 2002 u d-digriet taghha tat-8 t’April 2002 u konsistentement ma’ l-istess tordna li fl-okkju tal-kawza u kull fejn jirrikorri, wara l-isem ta’ l-attrici jizdiedu l-kliem ‘proprju u bhala kuratrici ad litem tal-minuri Luke.’

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) Provi Prodotti.

Illi l-**attrici Antionette Micallef** fl-affidavit taghha xehdet:-

"*Illi jiena mizzewga lill-konvenut Oliver Micallef, b'dan illi ili de facto separata minn mieghu sa minn Mejju 2000. Illi rrid nghid li jiena minn ma' zewgi Oliver Micallef ghandi tlett itfal, kollha minuri jisimhom Anthony ta' disa' snin, Helena ta' tminn snin u Simon ta' sitt snin.*
*Ilii jiena kont ili karriera nigi msawta mir-ragel tieghi li kien, alkoholiku fi grad verament kbir. Illi inoltre nghid li zewgi waqt li jiena kont mieghu, kien ta' spiss jara nisa ohra. Illi minhabba f'hekk nghid li z-zwieg taghna tfarrak.*

*Illi meta semmejt hawn fuq li jiena ma bqajtx nghix ma' zewgi, nghid li l-unici drabi li ltqajna kien jew biex jiena niehu it-tfal minghandu jew huwa biex jigborhom minghandi, f'xi argument li wassal biex ikollna kazijiet quddiem il-Qrati tal-Magistrati fis-seduti tad-distretti u konna wkoll niltaqghu l-Qorti.*

*Illi dan nghidu biex nuri li ma' zewgi jiena tul dawn l-ahhar sentejn u xi xhur qatt ma' kont intima mieghu u ma' qattajna qatt hinijiet wehidna flimkien bhal ma' jaghmlu mizzewgin ohra.*

*Illi irrid nghid li jiena ghandi relazzjoni ohra ma' ragel iehor certu Simon Cutajar. Jiena lil dan il-persuna ili narah ghal dawn l-ahhar sentejn. Irrid nghid li ma' dan Cutajar jiena drabi kelli x'naqsam mieghu u dan peress illi jiena u hu nghixu flimkien bhala mizzewgin.*

*Illi rrid nghid li ghal habta ta' Mejju 2001 kif gia ghidt jiena u Simon kellna x'naqsmu ma' xulxin u wara dan il-perjodu ezattament jiena hrigt tqila bit-tifel tieghi Luke.*

*Illi ghalhekk il-missier naturali tat-tifel kif ghidt jiena huwa Simon Cutajar u dan nghidu b'certezza peress li fiz-zminijiet li semmejt jiena qatt ma' kont intima ma' hadd ghajr ghal kif gia ghidt ma' Simon.*

*Irrid nghid li zewgi Oliver Micallef, li tahtu giet registrata t-tarbija, peress li ghadni mizzewga lilu, kien kontinwament jheddidni li ser jaghmel rikors fis-Sekond Awla tal-Qorti Civlii biex jehodli anke lil dan it-tifel u jkollu access ghalih. Ghalkemm huwa qatt ma' ghamel hekk jiena xorta bdejt nibza` u dan peress li zewgi huwa bniedem li jasal. Kien minhabba f'hekk li l-Avukat tieghi baghtni ghand sabiex naghmel testijiet tad-DNA li minnhom irrizulta bl-iktar mod car li Simon Cutajar huwa l-missier naturali ta' Luke Micailef. Dan ic-certifikat forensiku jiena ser nesebih fil-Qorti."*

Illi **Simon Cutajar** xehed bil-procedura ta' l-affidavit fejn sostna:-

*"Illi jiena mizzewweg lil Susan Cutajar u ili de facto separat minn maghha ghal tul ta' snin. Illi fil-granet li gejjin jiena u marti ser niffirmaw kuntratt ta' separazzjoni bonarju. Illi minn marti jiena kelli tifel llum ta' l-eta'.*

*Illi lil Antionette Micallef jiena ili nafha tul dawn l-ahhar sentejn u anke ghamilt xi zmien nghix maghha. Jiena ghadni nghix maghha sa llum.*

*Illi jiena u Antionette Micallef mhux l-ewwel darba li konna intimi flimkien u anke kelna x'naqsmu sesswalment flimkien. Di fatti jiena nghid li hija xi haga regolari li ahna rajna lil xulxin.*

*Illi ghall-habta ta' Mejju 2001 jiena u Micallef kellna x'naqsmu flimkien u ezattament wara din l-okkazzjoni l-habiba tieghi nqabdet tqila. Illi sussegwentement twieldet tarbija li jisimha Luke. Illi jiena ghalhekk nghid li jiena l-missier naturali ta' din it-tarbija.*

*Illi kellha ssir din il-kawza peress li Antionette Micallef ghandha ma' sseparatx minn ma' Oliver Micallef u*

*ghalhekk fuq ic-certiflkat taz-zwieg huwa ghadu mnizzel bhala r-ragel ta' Antionette.*

*Illi Oliver Micallef kemm il-darba jhedded lil Antionette li huwa ser jaghmel rikors quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civlii biex jiehu access lejn dan il-wild li anqas biss huwa tieghu. Dan huwa jaghmlu b'sens ta' vendikazzjoni lejn Antionette Micallef. Jiena ghalhekk nixtieq li ibni jigi ufficjalment rikonoxxut bhala li huwa t-tifel tieghi."*

## ii) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-attrici qed titlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li binha, Luke huwa l-wild naturali u biologiku ta' Simon Cutajar u mhux tal-konvenut Oliver Micallef u li, konsegwentement tordna li fic-certifikat tat-twelid tieghu, il-paternita' tal-missier proprja tigi rikonoxxuta.
Illi jidher car li l-attrici qed tipprevalixxi ruhha mill-**artikolu 77 tal-Kap 16** li jghid testwalment li:-

*"Il-legittima' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien fl-impossibbilta' fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien il-boghod minnha".*

Illi ma hemm l-ebda dubju li la darba l-attrici hija omm l-istess tarbija, u dan huwa pacifiku f'din il-kawza, hija ghandha kull interess ghall-istess binha li jigi indikat il-missier proprju ta' l-istess tarbija, u dan apparti l-fatt li jidher li l-attrici istitwiet din il-kawza ghan-nom ta' l-istess minuri, u taht dan l-aspett ma hemm l-ebda dubju li l-istess minuri ghandu interess qawwi li jistabbilixxi l-verita' dwar il-paternita' tieghu, u dan dejjem fl-ambitu tar-regoli stabbiliti fil-ligi nostrali, w in partikolari jehtieg li tigi sorvolata d-dispozizzjoni ta' l-**artikolu 81 tal-Kap 16** li tipprovdi li:-

*(1) "Hadd ma jista' jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtuh l-att tat-twelid bhala iben legittimu u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.*

*(2) Hekk ukoll, hadd ma jista' jattakka l-istat ta' l-iben legittimu ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel ma' l-att tat-twelid tieghu".*

Illi huwa car li l-hsieb tal-ligi huwa dak li jipproteggi l-istat ta' legittimita' tal-persuna, la darba din twieldet fiz-zwieg, u la darba l-istat ta' l-istess minuri huwa konformi ma' l-istess diskrizzjoni wkoll tal-hajja tieghu, hekk mizmum fir-rejalta' socjali bhala iben jew bint l-istess konjugi. Illi fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **"Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et"** (P.A. F.G. C. 10 ta' Mejju 1996) inghad li :-

*"Dak li jissejjah ir-'raison d'etre' ta' din id-disposizzjoni tal-ligi nostrali jinsab enkapsulat fil-kumment ta' l-awtur Ricci meta huwa jikkummenta dwar disposizzjoni analoga tal-Kodici Taljan … … …". "Egli ha osservato esistere nell'ordine stesso delle cose una presunzione che sta per la inviolabilita' dal talamo a per il rispetto della fedelta' coniugale, la quale presunzione viene avvolorata dalla vita comune degli sposi e fa riguardare il marito come il padre dei concepiti da sua moglie durante il matrimonio. I giuconsulti romano intesero questa presunzione e l incarnazione della formula solenne 'pater is est quem justae nuptiae demonstrat'. A questo principio, che non e' tanto un dettato dell' antica sapienza, quanto un postulato della stessa ragione, confortato dall' esperienza di molti secoli, si e' attentuato il legistatore patrio, e percio' nell' articolo 159, che il marito e' padre del figlio concepito durante il matrimonio"* - (**Diritto Civili.** Vol. 1 para 49 pag. 76).

Illi in effetti l-**artikolu 67 tal-Kap 16,** (li jikkorrispondi ma' l-artikolu 159 tal-Kodici Taljan) jipprovdi li:

*"L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu".*

Illi fil-fatt din l-azzjoni ittentata mill-minuri hija wahda minn tliet azzjonijiet permessibbli fil-ligi taghna sabiex tigi attakkata l-legittimita' ta' l-ulied u cjoe':

(a) L-azzjoni ta' diskonoxximent jew ta' *denegata paternita'* a bazi ta' l-**artikolu 70 tal-Kap 16** li hija miftuha ghar-ragel li fic-certifikat tat-twelid huwa indikat bhala missier it-tifel imwieled fiz-zwieg, u dan fil-kazijiet indikati tassativament fis-**Subartikolu (1) (a) sa (d),** liema azzjoni tattakka l-presunzjoni *"pater est quae iustiae demonstrat",* u twassal biss mhux biex jigi determinat il-missier tat-tarbija imma biss ghad-dikjarazzjoni li r-ragel ta' l-omm ma huwiex il-missier, liema azzjoni ghandha tigi prezentata fit-termini stretti moghtija fl-**artikolu 73 tal-Kap 16.**

(b) It-tieni azzjoni hija dik moghtija biss lit-tifel *ai termini* ta' l-**artikolu 84** sabiex jitlob l-istat ta' iben legittimu u ghaliha japplikaw ir-regoli stabbiliti fl-**artikoli 82 sa 85 tal-Kap 16.**

Illi a propozitu ta' din l-azzjoni nghad fil-kawza **"Antonio Scerri Gauci vs Dottor Giovanni Scicluna nomine et"** (A.C. 14 ta' Jannar 1952):-
*"Illi din l-ahhar azzjoni tat-tfittxija ta' paternita' hija moghtija biss lit-tifel u hija estiza lill-werrieta jew dixxendenti tieghu fil-kaz biss previst mill-ligi."*

*"It-Tifel ghandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta' stat konformi ma' l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponilu l-ligi ghall-ezercizzju ta' dik l-azzjoni. Ghaldaqstant lilu ma tolqtux il-limitazzjoni li tolqot lil persuni ohra interessati, konsistenti f'illi huma jkollhom jippruvaw l-impossibbilta' fizika ta' koabitazzjoni tal-presenti genituri tat-tifel fi zmien rilevanti minhabba lontananza".*

*"Meta t-tifel ma hux ostakolat fl-ezercizzju ta' l-azzjoni ta' ricerka tal-paternita' tieghu bil-fatt li dik l-impossibbilta' fizika ma tirrizultax; l-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi tolqtu meta huwa jkun jippossjedi stat konformi ma' l-att tat-twelid tieghu"*

Illi f'kaz maghmul a bazi ta' din l-azzjoni fis-sentenza **"Walter Ahar nomine vs Pio Micallef"** (P.A. A. J. M. 21

ta’ Frar 1996) inghad illi *“minn dan it-taghlim jidher li l-fatt li r-ragel ta’ omm it-tarbija kien prezenti Malta u kellu il-possibbilta’ li jkollu relazzjoni ma’ martu, ma ghandu jkun ta’ ebda xkiel fl-indagini li ghandha ssir sabiex tigi stabbilita l-identita’ tal-missier naturali ta’ l-istess attur”.*

(c) It-tielet azzjoni hija dik kontemplata fl-**artikoli 76 u 77 tal-Kap 16** fejn ghal dak li huwa relevanti ghal dik il-kawza fl-**artikolu 77** jinghad li:-

*“Il-legittimita’ ta’ tifel imwieled matul iz-zwieg tista’ tigi attakkata minn kull min ghandu interess, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien f’impossibbilta’ li jghammar ma’ martu minhabba li kien il-boghod minnha”.*

Illi din l-ahhar azzjoni msemmija ta’ impunjazzjoni ta’ legittimita’ hija miftuha ghal kull terz, inkluz lill-omm u lill-istess minuri peress li hija disponibbli ghal min ghandu interess, inkluz il-persuna li tallega li hija missier it-tifel.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-ligi taghti l-opportunita’ lil diversi persuni fil-parametri hemm indikati, u biss bl-azzjonijiet fuq indikati sabiex tigi denagata l-paternita’ jew anke kontestata l-legittimita`.

Illi pero’ fl-opinjoni ta’ din il-Qorti l-azzjoni a bazi ta’ l-**artikolu 77** hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-**artikolu 81** li jipprovdi li l-istat ta’ iben legittimu ma jistax jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri jkun akkwista l-istatus ta’ iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess ta’ l-istess stat li jaqbel ma’ tali att.

Illi fi kliem iehor l-azzjoni ittenta skond **l-artikolu 77** sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok a bazi ta’ iben jew bint li skond l-att ta’ twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta’ twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossedi l-istess stat ta’ legittimu.

Illi l-pussess ta’ l-istat ta’ iben legittimu skond **l-artikolu 80** *“stabbilit minn gabra ta’ fatti, mehudin flimkien, li jiswew*

*biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.*

*L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:-*

*(a) Illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu jghid li huwa l-iben;*

*(b) Illi l-missier ikun trattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita' haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah*;

*(c) Illi t-tifel gie dejjem maghruf bhala tali minn nies;*

*(d) Illi huwa jkun maghruf bhala tali mill-familja".*

Illi dan ifisser skond is-sentenza **"Malika Cachia Ejjebili et vs Ahmed Kamel El Din et"** (PA. (RCP) 26 ta' Jannar 2000) li skond il-provvedimenti ta' l-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** huwa biss jekk ikun hemm *"nuqqas ta' att ta' twelid **jew** tal-pussess ta' stat* (u dan skond kif definit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16**) inkella jekk it-tifel ikun gie *registrat taht isem falz, … … … li l-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi".*

Illi mis-sentenzi fuq citati din hija l-unika konkluzjoni logika li tista' tinghata meta jigu mqabbla l-**artikoli 81** ma' l-**artikolu 77,** *stante* li jidher li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-kundizzjoni kontenuta fl-**artikolu 77** dwar l-impossibbilta' fizika, hija wkoll kondizzjoni ohra li kull persuna ohra, apparti l-minuri jekk dan jagixxi *ai termini* tal-ligi.

Illi dan jinsab ikkonfermat fis-sentenza **"Mario Maugeri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. (RCP) 13 ta' Jannar 1999) fejn inghad b'riferenza ghall-fatti f'dik il-kawza li *"Dwar l-**artikolu 81** … … … jigi ndikat li tali artikolu ma huwiex ta' ostakolu ghall-azzjoni odjerna, peress li jidher car mis-segwenti fatti fuq esposti, li l-istess minuri qatt ma kellu l-pussess ta' stat ta' iben legittimu li jaqbel mal-att tat-twelid peress li l-persuna indikata kienet ilha nieqsa … ... u ommu kienet tghix biss ma' l-attur".*

Illi minn dan johrog car li jekk iben jew bint ikollhom stat ta' wild legittimu, u jkollhom ukoll il-pussess ta' l-istess stat konformi ma' l-att ta' twelid, hadd ma jista' jattakka dan l-istat a bazi ta' l-**artikolu 77** anke jekk tigi ppruvata l-impossibilita' fizika ndikata fl-istess artikolu. Illi dan gie ukoll konfermat fis-sentenzi **"Concetta Conti nomine vs Angelo Camilleri"** (Vol.XXXII.ii.309) u **"Jesmond Zammit vs Anthony Rapa et"** (P.A. (RCP) 18 ta' Jannar 2000) fejn inghad:-

*"Illi dan ifisser illi skond il-provedimenti ta' l-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** jekk ikun hemm nuqqas ta' att ta' twelid **jew** ta' pussess ta' stat (u dan skond kif definit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16**) inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz … … il-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi. Fi kliem iehor jekk il-pussess ta' stat ma jaqbilx mac-certifikat tat-twelid il-prova li tohrog mic-certifikat tar-Registru Pubbliku mhux insindakabbli".*

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati fis-sentenzi "**Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella"** (P.A. RCP deciza fl-1 ta' Marzu 2001 – Cit. Nru: 1841/98/RCP); "**Carmel Grima et vs Carmelo Borg et**" deciza fil-5 ta' Lulju 2001 - Cit Nru 190/97/RCP, u "**Francis sive Frank Xuereb vs Maria Bonello et"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002 - Cit Nru: 1778-01); **"Francis sive Frank Xeureb vs Maria Bonello et"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002), **"Ahmed Mohammed vs Fatiha Khallouf"** (P.A. (RCP) 26 ta' Gunju 2002); **"Saviour Micallef vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** P.A. (RCP) 27 ta' Gunju 2002); u **Mary Jacqueline Fenech vs Victor Fenech *et*"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002).

Illi tali prova kontrarja ghal tali stat ta' legittimita' tista' tingieb *ai termini* ta' l-**artikolu 83** b'xhieda *"li turi min jitlob l-istat mhux bin il-mara illi huwa jghid li hija ommu, inkella, meta hija ppruvata l-maternita', illi mhux bin zewg ommu".*

Illi f'dan il-kaz, hemm ix-xhieda konsistenti ta' l-attrici, u x-xhieda ta' Simon Cutajar u il-konvenut Oliver Micallef jidher li bla ebda mod ma kkontestah, izda iktar sinifikanti qatt ma kkonsidra lill-istess minuri bhala ibnu.

Illi dwar l-interpretazzjoni ta' l-**artikolu 77** u dwar il-kuncett ta' *"mpossibbilta' fizika"* hemm indikata, wiehed jirreferi ghas-sentenza **"Ronald Bray vs Charmaine Bray et"** (P.A. (NA) 19 ta' Novembru 1997) fejn inghad li *"l-impossibbilta' fizika li ghaliha hemm riferenza ghandha tkun wahda li setghet taffetwa b'xi mod il-koncepiment tat-tarbija".* (**"Noelle Spiteri vs Ernest Cilia"; "Ivan Felice vs Goerge Valletta"** P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000.).

Illi dawn il-principji gew ilkoll applikati fil-kawzi fl-ismijiet **"Malika Cachia Ejjebili et nomine vs Ahmed Kamel El Din et"** (P.A. (RCP) 26 ta' Jannar 2000 - Citaz. Nru. 1450/98/RCP**)** u **"Jesmond Zammit vs Anthony Rapa et"** (P.A. (RCP) 18 ta' Jannar 2000 - Citaz. Numru 1839/97/RCP) fejn inghad:-

*"Illi f'dan l-isfond wiehed jirreferi wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet* ***"Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku" (F.G.C. 10 ta' Mejju 1996)*** *fejn inghad illi l-attur "ghandu nteress li jattakka l-legittimita' tat-tifla minuri" u dan jekk jipprova dak li hemm indikat fl-**Artikolu 77 tal-Kap 16 .** Illi l-principju "pater is est quem justae nuptiae demonstrat" huwa rikonoxxut mill-ligi taghna permezz tal-**artikolu 67** li jghid illi "l-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu" pero` "madankollu wiehed ma jistax ma jikkonsidrax li, aktar ma jghaddi z-zmien, aktar qeghda taqbad l-eghruq il-fehma li r-realtajiet bijologici u socjali jipprevalu fuq il-presunzjoni legali li 'pater est quem justae nuptiae demonstrant". Illi dan gie rikonoxxut anke bis-sentenza mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-27 ta' Ottubru 1994 fil-kawza fl-ismijiet **"Kroon vs The Netherlands"** fejn gie rikonoxxut legalment l-ezistenza ta' "family ties" anke bejn persuni li ma humiex mizzewgin, u ghalhekk il-frott ta' l-istess, ghandu jigi rikonoxxut bhala tali, ghaliex jirrispekja il-verita' attwali f'din il-kawza. Certament li dan kollu ma jsib l-ebda ostakolu bl-**artikolu 81".***

### iii) <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed tiddikjara li kienet mizzewga lil Oliver Micallef u li kienet ilha separata *de facto* minn mieghu minn Mejju 2000. Hija qalet li ghandha relazzjoni ma’ ragel iehor, Simon Cutajar. Hija ddikjarat li ilha tafu ghal dawn l-ahhar sentejn u li jghixu flimkien bhala mizzewgin. Tul dan il-perjodu hija qatt ma kellha relazzjonijiet sesswali ma’ l-imsemmi konvenut, Oliver Micallef u ghalhekk talbet lil din il-Qorti sabiex: (1) tiddikjara li l-imsemmija tarbija, li jisimha Luke, li twieldet fis-17 ta’ Frar 2002 ma hijiex il-wild naturali tal-konvenut Oliver Micallef; u (2) konsegwentement tordna lill-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex ihassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tat-tarbija msemmija li jgib in-numru 884/2002, mill-kolonna li tirrapprezenta isem u kunjom il-missier, il-kliem Oliver Micallef, il-professjoni jew sengha ta’ l-attur, l-eta`, post tat-twelid u residenza tal-konvenut Oliver Micallef, kif ukoll isem u kunjom missier il-konvenut Oliver Micallef u jekk huwiex haj jew mejjet u tawtorizza u tordna kull notifika ohra in vista ta’ l-ewwel talba u jekk jinhtieg, f’kull att iehor relattiv u sussegwenti.

Illi saru l-ezamijiet xjentifici mill-espert xjentifiku Christopher Farrugia fejn ittiehdu kampjuni ta’ *saliva* u celloli minn halq l-attrici, l-minuri Luke, u Simon Cutajar.

Illi mir-rizultati ma hemm l-ebda dubju li l-azzjoni attrici irnexxiet, *stante* li xjentifikament gie ppruvat mit-testijiet li nzammu li l-konvenut, Oliver Micallef, qed jigi eskluz ghal kollox milli jkun il-missier ta’ l-istess minuri.

Illi din il-Qorti taddotta l-konkluzjonijiet xjentifici raggunti bhala taghha u dan ghaliex ghalkemm il-Qorti ma hijiex tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali, xjentifici jew medici raggunti kontra l-konvinzjoni taghha nnfisha, u aktar u aktar meta tali ezamijiet isiru minn esperti imqabbda ex-parte, kif fil-fatt huwa dettat mill-**artikolu 681 tal-Kap 12,** jibqa’ jippersisti l-fatt li tali konkluzjoni peritali, specjalment fuq natura purament xjentifika, dan il-Qorti *“ma tistax taghmlu b’mod legger jew kapriccuz. Il-konvinzjoni kontrarja taghha kellha tkun ben informata u bbazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b’ragunijiet li ma*

*ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' aspett tekniku tal-materja taht ezami"* (**"Philip Grima vs Carmelo Mamo –** A.C. 29 ta' Mejju 1998; **"Anthony Cauchi vs Carmel Mercieca" –** A.C. 6 ta' Ottubru 1999; **"John Saliba vs Joseph Farrugia"** A.C. 28 ta' Jannar 2000; **"Sammy Tabone vs Carmel Tabone et"** – A.C. 5 ta' Ottubru 2001).

Illi dan ghandu iktar importanza u rilevanza fuq ezamijiet medici, xjentifici u genetici, peress li l-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni l-izvilupp li sar fix-xjenza u fil-kamp genetiku in partikolari, tant li dan gie llum rikonoxxut mill-ligi skond id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 70 (3) tal-Kap 16,** tinghata mportanza lill-*"ezamijiet mehtiega biex tigi stabbilita` kull prova genetika li jkollha x'taqsam mal-kaz",* tant li l-Qorti taghti piz ghall-fatt ta' rifjut ta' parti li taghmel l-istess testijiet, u dan peress li huwa fatt maghruf li l-istess testijiet genetici llum huma precizi, specjalment fejn tigi eskluza l-paternita' koncernata u li dwarha jkun hemm kontestazzjoni fil-kawza.

Illi minbarra dan, il-fatti kollha tal-kaz jindikaw li l-attrici kienet f'impossibilita` fizika fis-sens diversi drabi interpretat minn din il-Qorti, li jkollha x'taqsam ma' zewgha li minnha kienet separata *de facto*, tant li jirrizulta li kienet ilha ma tghix mieghu circa sentejn mit-twelid tat-tarbija, u jirrizulta wkoll li l-istess minuri dejjem trabba u gie kkunsidrat bhala l-bint naturali ta' Simon Cutajar, u ghalekk l-istess minuri qatt ma kellu stat ta' iben legittimu.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess, it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, id-Direttur tar-Registru Pubbliku inkwantu l-istess huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz u fuq ammissjoni tal-konvenut Oliver Micallef, skond l-eccezzjonijiet tieghu ta' l;-24 ta' Frar 2003, **tilqa` t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi l-imsemmija tarbija, jisimha Luke li twieldet fis-17 ta' Frar 2002 ma hijiex il-wild naturali tal-konvenut Oliver Micallef izda l-wild naturali ta' Simon Cutajar;

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tat-tarbija msemmija li jgib in-numru 884/2002, mill-kolonna li tirrapprezenta isem u kunjom il-missier, il-kliem Oliver Micallef, il-professjoni jew sengha ta' l-attur, l-eta`, post tat-twelid u residenza tal-konvenut Oliver Micallef, kif ukoll isem u kunjom missier il-konvenut Oliver Micallef u jekk huwiex haj jew mejjet. u dan peress li jirrizulta li l-istess minuri ma huwiex iben l-istess Oliver Micallef, ghalhekk kull riferenza ghalih bhala missier it-tarbija ghandha tigi kancellata, inkluz li fil-kolonna dwar il-partikolaritajiet ta' l-omm, il-kliem *the said* jigu kancellati; tordna ukoll li flok il-konnotati ta' l-istess imsemmi Oliver Micallef, jitnizzlu l-isem u d-dettalji kollha ta' Simon Cutajar, iben Gaetano u Carmen nee` Ferro, imwieled il-Hamrun u residenti Attard, karta ta' l-identita` numru 401466 (M) u d-dettalji l-ohra necessarji ta' l-istess Simon Cutajar *stante* li l-istess Simon Cutajar huwa l-missier naturali ta' l-istess minuri Luke, u tordna ghalhekk li jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji.

Illi l-Qorti tordna ukoll *ai termini* ta' l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess disposizzjonijiet tal-**Kap 16** a spejjez ta' l-istess.

Illi dwar il-kap ta' l-ispejjez dawn ghandhom jigu ssopportati mill-istess attrici proprio, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenuti l-ohra.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------